SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR. DENNIS MONTEBELLO B.A., LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 19 T'OTTUBRU 2001

Avviz numru 2358/97 DM

Gasan Insurance Agency Ltd bhala agent u mandatarju tas-socjeta` estera General Accident Fire & life Assurance Corporation Plc, ta' Perth, Scotland u din kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha, Zahra Enterprises Ltd (Claim 976114)

Vs

Concorde International Freight Forwarders Ltd u b'digriet tad-9 ta' Jannar 1998 gie nominat l-Avukat Dottor Joseph P. Bonello bhala kuratur deputat biex jirraprezenta s-socjeta estera Sea Jet Express Inc.

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi permezz ta' liema il-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghal hlas tas-somma ta' tlett mija u hamsa u

sittin lira Maltin (Lm 365) rapprezentanti nuqqasijiet minn konsenja ta; 136 cartons agricultural machinery importati minn Zahra Enterprises Limited assikurati mas-socjeta` attrici li waslu Malta fl-24 ta' Marzu 1997 abbord il-vapur City of London.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn dawn eccepew;

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

2. Illi n-nuqqasijiet imsemmija m'humiex attribwibbli lill-konvenuti.

3. Illi ghandhom jigu kjamati fil-kawza Sea Jet Express Inc. li hija ditta estera.

4. Illi qabel ix-xoghol gie moghti lil agent tal-konvenut cioe` Sea Jet, l-istess xoghol diga kien fih in-nuqqasijiet u ghalhekk tali nuqqasijiet zgur ma kienux attribwibli lill-konvenuti jew lill-agenti taghhom fl-esteru  Sea Jet.

5. Illi f'kull kaz il-konvenuti m'humiex responsabli ghall-ammont indikat peress illi ir-risponsabilita` taghhom hija limitata skond ir-regoli ta' CMR.

6. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Avukat Dottor Joseph P. Bonello fil-kwalita tieghu ta' kuratur biex jirraprezenta is-socjeta` Sea Jet Express Inc. fejn dan ecepixxa;

1. Illi m'humiex dedotti mill-fatti tal-kawza;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-atturi prezentata fit-12 t'Ottubru tas-sena 2001 permezz ta' liema huma cedew l-atti tal-kawza fil-mertu pero zammewh responsabli ghal-ispejjez.

Rat illi il-konvenuti ma dehrux biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni fis-seduta tal-llum u ghaldaqstant it-talba attrici ghal ispejjez ghandha titqies gustifikata u ghandha tigi kkonfermata u ghaldaqstant il-Qorti filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sorte stante cessjoni, qieghda tikundanna lil konvenuti li jhallsu l-ispejjez tal-kawza.

Mag Dr. Dennis Montebello LL.D.

S. Farrugia
Dep Reg